19. Jinnota li n-nuqqas ta' definizzjoni tal-UE li torbot legalment dwar x'tikkostitwixxi impriża żgħira jew mikro, u fid-dawl tan-natura ta' tali entitajiet li biż-żmien qiegħda tinbidel, l-ambitu tal-proposta tad-direttiva tal-IGSs għandu jkun limitat għal persuni naturali u li persuni naturali marbutin direttament mal-assiguratur li falla finanzjarjament, bħal diretturi, maniġers ta' livell għoli jew membri tal-bord li jivvutaw li l-qasam tar-responsabbiltà professjonali tagħhom huwa marbut mal-kawżi tal-insolvenza, għandhom ikunu esklużi mill-korp tal-konsumaturi; jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tivvaluta l-każ biex jiġu inklużi persuni legali magħżula ladarba tinstab definizzjoni li torbot legalment; jenfasizza li fir-rigward ta' sussidjarjetà Stati Membri individwali jistgħu jagħżlu li jinkludu persuni legali fi ħdan l-IGSs nazzjonali tagħhom;

20. Jirrikonoxxi li kwestjonijiet dwar il-konċentrament tas-suq jistgħu jagħmlu pressjoni fuq il-kapaċità ta' IGS li tassorbi l-pretensjonijiet kollha min-naħa ta' detenturi ta' poloz jew benefiċjarji, bħala riżultat tal-falliment finanzjarju ta' assiguratur uniku jew aktar; jemmen li r-regoli dwar l-IGSs li jistgħu jwasslu għal iktar piżijiet fuq is-swieq konċentrati għandhom jiġu evitati;

21. Jipprevedi r-rwol ta' sorveljanza tal-AEAPX fil-koordinament ta' ttestjar, min-naħa ta' awtoritajiet nazzjonali, li jkejjel il-pressjoni li jifilħu għaliha l-IGSs fl-Ewropa kollha, filwaqt li tagħmel rakkomandazzjonijiet fejn xieraq, u twettaq rieżamijiet inter pares regolari biex tiġi żgurata l-kondiviżjoni tal-aħjar approċċi bbażati fuq l-aħjar prattika;

22. Jinnota li fis-swieq żgħar u konċentrati, l-istabbiliment ta' IGS b'mekkaniżmi ta' finanzjament inadegwati jista' joħloq riskji sistematiċi billi jtejjeb l-interkonnessjoni bejn l-assiguraturi, ħaġa li tista' twassal għal kundizzjonijiet mhux ugwali bejn is-swieq iżgħar u dawk ikbar, peress li s-swieq iżgħar ikollhom diffikultajiet ikbar biex ilaħħqu mal-ispejjeż; jinnota li dawn id-diffikultajiet għandhom jitqiesu sabiex jiġu evitati iktar piżijiet fuq is-swieq konċentrati; jistieden lill-Kummissjoni tħalli lill-Istati Membri jadattaw min jeddhom ir-regoli dwar finanzjament u l-karatteristiċi l-oħra tal-IGS skont il-bżonnijiet tas-swieq nazzjonali;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# Il-futur tal-VAT

P7_TA(2011)0436

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-futur tal-VAT (2011/2082(INI))**

(2013/C 94 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Futur tal-VAT (COM(2010)0695),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea (SEC(2010)1455),

— wara li kkunsidra l-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2008)0394),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' PricewaterhouseCoopers dwar il-fattibilità ta' metodi alternattivi għat-titjib u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT permezz ta' teknoloġiji moderni u/jew intermedjarji finanzjarji,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([1]),

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-OECD dwar in-Newtralità tal-VAT,

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-KE "Taxation Trends in the EU" (Edizzjoni 2010),

— wara li kkunsidra x-Xejriet tat-Taxxa fuq il-Konsum tal-OECD 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar strateġija kkoordinata bl-għan li titjieb il-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali mill-2008,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 8/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0318/2011),

A. billi s-sistema attwali tal-VAT fl-UE, li ilha fis-seħħ 17-il sena, ġiet deskritta bħala proviżorja bl-istennija li tiġi introdotta sistema ġdida f'mument opportun; billi l-inizjattiva l-ġdida tal-Green Paper tal-Kummissjoni hi biss il-bidu ta' proċedura li probabbilment tkun twila, diffiċli u kumplessa, u li s-suċċess tagħha se jiddependi fuq id-determinazzjoni reali min-naħa tal-Istati Membri biex jiżviluppaw sistema "aktar sempliċi, aktar b'saħħitha u effiċjenti", li tkun iktar trasparenti u bbażata fuq koperazzjoni mill-qrib u skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' sussidjarjetà,

B. billi l-għan ta' sistema komuni tal-VAT hu li ssaħħaħ il-funzjonament effiċjenti tas-Suq Intern, għodda kruċjali għall-UE biex tibqà kompetittiva,

C. billi, 99 % tan-negozji kollha fl-Unjoni Ewropea huma SMEs (intrapriżi ta' daqs żgħir u medju),

D. billi permezz tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar", l-Unjoni Ewropea tixtieq tippromwovi t-tkabbir tal-SMEs billi tisfrutta l-opportunitajiet u l-benefiċċji offruti mis-suq uniku,

E. billi l-livell limitu tal-eżenzjoni tal-VAT għall-SMEs ivarja minn Stat Membru għall-ieħor u japplika fil-livell nazzjonali biss,

F. billi l-OECD tirrikonoxxi l-preżenza ta' xejra globali li tindika bidla minn tassazzjoni diretta għal dik indiretta, bi rwol li dejjem qed jikber għas-sistemi tal-VAT; billi l-Parlament jirrikonoxxi wkoll din it-tendenza, iżda fl-istess ħin jenfasizza l-importanza tat-tassazzjoni diretta għall-progressività tas-sistema fiskali; billi l-OECD tinnota wkoll varjazzjoni wiesgħa fl-effiċjenza tal-VAT fil-pajjiżi tal-OECD, u dan jindika li għad fadal ħafna xi jsir biex tiżdied l-effiċjenza tal-VAT; billi, minkejja dan, kwaunkwe miżura mmirata biex tiżdied l-effiċjenza tal-VAT għandha tkun akkumpanjata wkoll b'miżuri kontra l-frodi u biex jiġi kkunsidrat it-tmiem tal-eżenzjoni tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji wara analiżi tal-implikazzjonijiet involuti, filwaqt li titqies il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill (2007/0267(CNS)),

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 20, 25.1.2008, p. 1.

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jilqà l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-eżami mill-ġdid u r-riforma tas-sistema attwali tal-VAT, u jaqbel li sistema komprensiva tal-VAT għandha tnaqqas l-ispejjeż operattivi għall-utenti u l-imposti amministrattivi għall-awtoritajiet filwaqt li tiġġieled il-frodi, li hu piż konsiderevoli fuq il-finanzi pubbliċi u fuq il-konsumaturi;

2. Jenfasizza li t-trasformazzjoni tas-sistema tal-VAT f'waħda li ma tkunx suxxettibbli għall-frodi għandha tkun prijorità ewlenija, meta jitqies it-telf enormi mġarrab mill-Istati Membri, li possibilment jammonta għal EUR 100 biljun; għandha tingħata attenzjoni partikolari fir-rigward tal-frodi "karużell"; ifakkar fis-suġġerimenti li hemm fir-risoluzzjoni tat-2 ta' Settembru 2008 dwar strateġija kkordinata sabiex tittejjeb il-ġlieda kontra l-frodi fiskali ([1]), li għadhom validi u li għandhom jiġu implimentati mingħajr dewmien;

3. Jinnota li d-definizzjonijiet ta' "benessri soċjali" jew "prinċipji ta' raġunijiet soċjali" li jiffefinixxu servizzi bħala eleġibbli għal eżenzjoni jew tnaqqis tar-rata tal-VAT huma vagi ħafna minħabba l-fatt li huma determinati mill-qrati nazzjonali fid-dawl tal-liġi tal-Istati Membri u għalhekk għandhom ir-riskju li jikkawżaw tgħawwiġ permanenti tal-kompetizzjoni;

4. Jikkunsidra li l-Istati Membri fis-sistema attwali tal-VAT isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' dilemma fejn jafu ma jikkoperawx minkejja li dan ikun fl-aħjar interess tagħhom: l-abolizzjoni tal-kontrolli fiskali fuq il-fruntieri fl-1993 ma ġietx sostitwita b'livell suffiċjenti ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; jinnota li, b'riżultat ta' dan, tilfu ammont sustanzjali ta' dħul potenzjali mill-VAT u dħul fiskali ieħor minnħabba li xi negozji leġittimi għandhom mnejn ma jidħlux fis-Suq Uniku u peress li dawk li jwettqu l-frodi jisfruttaw is-sistema frammentata eżisteni tal-VAT;

5. Jistieden għalhekk lill-Istati Membri jkomplu jibnu relazzjonijiet ibbażati fuq il-fiduċja, it-trasparenza u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet fiskali nazzjonali, u jibnu "sħubijiet fiskali" man-negozji bħala "dawk li jiġbru t-taxxa bla ħlas" għall-awtoritajiet fiskali;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija kkoordinata bl-għan li titjieb il-ġlieda kontra l-frodi fiskali, minħabba li l-frodi tal-VAT taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunità;

***Tfassil tal-VAT, eżenzjonijiet u rati mnaqqsa***

7. Jistieden lill-Istati Membri jersqu lejn sistema tal-VAT "b'bażi wiesgħa"; jenfasizza wkoll li l-klima finanzjarja attwali tippreżenta sfidi importanti u li ċ-ċaqliqa waħidha minn tassazzjoni diretta għal waħda indiretta mhijiex suffiċjenti biex tiġi żgurata stabilità ekonomika; għalhekk jitlob ukoll li jinstabu sorsi ta' dħul alternattivi u ġusti;

8. Jenfasizza l-importanza ta' analiżi mill-qrib tal-konsegwenzi għall-awtonomija reġjonali fl-Istati Membri meta tiġi diskussa bidla minn tassazzjoni diretta għal tassazzjoni indiretta;

9. Ifakkar li waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-VAT hija l-prinċipju tan-newtralità, u li għalhekk, sakemm ikun possibbli, in-negozji m'għandhomx iġorru l-piż tal-ġbir tal-VAT; jinnota li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-prinċipju t-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha jiġu intaxxati sa fejn dan ikun possibbli u li kwalunkwe eżenzjoni tiġi analizzata b'mod strett, filwaqt li jiġi żgurat li prodotti u servizzi simili jiġu soġġetti għall-istess trattamenti tal-VAT; jenfasizza, pereżempju, li l-kotba, il-gazzetti u r-rivisti kollha, irrispettivament mill-format tagħhom, għandhom jiġu trattati eżattament bl-istess mod, u dan ifisser li l-kotba, il-gazzetti u r-rivisti li jistgħu jiġu strimjati jew imniżżla permezz tal-Internet għandhom jiġu soġġetti għall-istess trattamenti tal-VAT bħall-kotba, il-gazzetti u r-rivisti fil-format tradizzjonali u li s-servizzi tat-trasport transkonfinali differernti għandhom jingħataw trattament ugwali irrispettivament mill-mezz ta' trasport użat; jinnota li fejn l-eżenzjonijiet ma jkunu jirrappreżentaw l-ebda ostaklu għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jagħtu eżenzjonijiet abbażi ta' kriterji soċjali u kulturali analizzati b'mod strett;

([1]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 13.

10. Jitlob standard armonizzat jew rata tal-VAT imnaqqsa għat-trasport transkonfinali intra-UE, irrespettivament mill-mezz ta' trasport, u regoli armonizzati dwar it-tnaqqis tal-VAT;

11. Huwa tal-fehma li r-rati tal-VAT għal oġetti kulturali għandhom ikunu l-istess, irrispettivament mill-metodu li jintuża biex jinbiegħu (online jew offline); iqis li dan l-allinjament jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku u jipprovdi l-istess benefiċċji kulturali u edukattivi għall-konsumaturi billi jippromwovi l-iżvilupp ta' settur diġitali li qed jiffjorixxi;

12. Jinnota li s-settur tat-trasport qed jiffaċċa tgħawwiġ tas-suq minħabba li xi mezzi ta' trasport bħax-xarabank u l-ferrovija huma soġġetti għall-VAT filwaqt li oħrajn huma eżentati; dan joħloq sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet ma jkunux ekwi minħabba li l-mezzi ta' trasport kollha jikkompetu għall-istess servizzi tat-trasport transkonfinali;

13. Jitlob it-tfassil ta' strateġija ta' VAT Ekoloġika, iffukata fuq rati mnaqqsa għal prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija u favur l-ambjent, li tagħmel tajjeb għall-kompetizzjoni inġusta li tirriżulta minn esternalitajiet mhux riflessi fil-prezz tal-prodott jew tas-servizz;

14. Jenfasizza li sabiex tkun garantita n-newtralità, il-VAT fuq l-oġġetti u s-servizzi li jintużaw għal attivitajiet ekonomiċi intaxxati trid tkun tista' titnaqqas; jinnota li attwalment ir-regoli dwar it-tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri huma kumplessi u joħolqu problemi għan-negozji minħabba kwistjonijiet li jirriżultaw min-natura tal-attivitajiet tagħhom (l-ambitu), it-tip ta' servizz (l-eżenzjonijiet) jew in-natura tas-servizzi (it-tnaqqis);

15. Jinnota, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet transkonfinali intrakomunitarji, li s-sistema attwali tal-VAT tiegħdet mill-impenn inizjali meħud mill-Istati Membri li jimplimentaw il-prinċipju tal-oriġini, minħabba n-nuqqas ta' appoġġ politiku fost l-Istati Membri biex jikkooperaw sabiex japplikaw dak il-prinċipju;

16. Jaqbel għalhekk mal-proposta tal-Kummissjoni li jiġi rikonoxxut l-istatus quo u jsir progress lejn prinċipju ta' destinazzjoni; jikkunsidra li sistema tal-VAT ibbażata fuq il-prinċipju tal-post tal-konsum, kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi, tidher li hi triq promettenti li għandha tiġi analizzata aktar u jeħtieġ li tkun akkumpanjata mill-introduzzjoni ta' punti uniċi ta' servizz (OSS) li jiffunzjonaw tajjeb min-naħa tal-Istati Membri; jenfasizza li l-introduzzjoni tal-OSS tal-VAT sal-1 ta' Jannar 2015 għandha tkompli tkun prijorità ewlenija tal-UE;

17. Fid-dawl tat-tendenza ta' konverġenza tar-rati standard tal-VAT, jistieden lill-Istati Membri jirristrinġu aktar il-firxa tar-rata standard; jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibilità biex jiffissaw ir-rata tal-VAT tagħhom stess fid-dawl tal-importanza tal-VAT bħala strument baġitarju;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta sal-aħħar ta' Diċembru 2012 dwar is-simplifikazzjoni tat-tassazzjoni transkonfinali;

19. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għandhom rwol vitali u ta' benefiċċju kbir għaż-żieda tad-demokrazija, it-tkabbir u l-prosperità fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu li jippermetti lill-Istati Membri li jixtiequ jsaħħu s-soċjetà ċivili jeżentaw mill-VAT, b'mod ġenerali, l-attivitajiet u t-tranżazzjonijiet kollha jew kważi kollha mwettqa minn dawn l-organizzazzjonijiet; jenfasizza li għall-inqas l-organizzazzjonijiet iż-żgħar mingħajr skop ta' qligħ għandhom ikunu koperti b'tali mekkaniżmu;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex sa Jannar 2012 jilħqu qbil dwar lista ta' oġġetti u servizzi komuni li għandhom jibbenefikaw minn eżenzjonijiet fiskali jew minn tnaqqis tar-rata tal-VAT;

21. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-Kumitat tal-VAT sabiex jilħqu ftehim dwar interpretazzjoni komuni tat-termini legali li huma rilevanti f'dan il-kuntest, iżda min-naħa l-oħra dan ifisser li l-oġġetti u s-servizzi l-oħra kollha fil-livell Ewropew jiġu esklużi minn tali benefiċċji;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2013 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fih lista vinkolanti ta' oġġetti u servizzi komuni, abbażi tas-sejbiet tal-Istati Membri u tal-Kumitat tal-VAT, li jkunu eleġibbli għal rata tal-VAT imnaqqsa jew għal eżenzjoni skont id-Direttiva tal-VAT;

***It-tnaqqis tal-burokrazija***

23. Jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw aħjar u jikkonverġu l-prattiki amministrattivi billi jiffukaw fuq l-iskambju tal-aħjar prattiki u jimplimentaw il-miżuri proposti mill-Kummissjoni fl-2009 biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mil-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-VAT, partikolarment billi jnaqqsu l-frekwenza tad-denunzja perjodika tal-VAT, jissemplifikaw il-prova meħtieġa għall-eżenzjonijiet tal-VAT għall-esportazzjonijiet, jabolixxu l-listi ta' bejgħ 'nulli' intra-UE, iżidu l-użu tas-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku b'konformità mal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – b'mod partikolari għall-preżentazzjoni elettronika tal-listi u d-denunzji tal-VAT – jabolixxu l-pagamenti ta' interessi u penali fuq il-VAT relatati ma' żbalji tal-forma jekk l-entità legali individwali ma tkunx wasslet lill-Istat Membru inkwistjoni jsofri xi nuqqas fid-dħul mill-VAT, u jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' proċedura unika għar-rifużjoni tal-VAT, għan-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT u sistema ta' ħżin elettroniku għall-VAT għall-UE kollha;

24. Jilqa' l-Istudju dwar is-Suq Intern Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-interoperabilità tal-firem elettroniċi, sabiex jinħoloq qafas legali għar-rikonoxximent ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni elettronika sikura, u tqis reviżjoni u estensjoni tad-Direttiva dwar il-Firem Elettroniċi sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv għall-intrapriżi, partikolarment għall-SMEs; jenfasizza l-ħtieġa ta' rikonoxximent reċiproku tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettronika madwar l-UE;

25. Jilqa' l-fatt li mill-2010 fl-UE daħlet fis-seħħ sistema elettronika ġdida ta' rifużjoni tal-VAT; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament, sa mhux aktar tard minn Lulju 2012, dwar ir-riżultati, il-punti tajbin u l-punti dgħajfa tas-sistema l-ġdida; jenfasizza li r-regoli l-ġodda għandhom dejjem ikunu riveduti sabiex jiġi żgurat li joffru protezzjoni adegwata kontra t-tentattivi ta' frodi;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta, fi żmien raġonevoli, għal Fattura Ewropea Standard (f'format ta' karta u f'format elettroniku) ibbażata fuq mudell lingwistikament newtrali li tkun tista' tinkludi informazzjoni bħal isem u indirizz sħaħ, data tar-reġistrazzjoni u għeluq ta' numru tal-VAT u informazzjoni dwar il-VAT ta' grupp sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transkonfinali u jitnaqqsu l-ispejjeż għan-negozji;

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, b'kollaborazzjoni man-negozji, jieħdu attitudni kritika lejn il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tal-Aġenda "Regolamentazzjoni Aħjar", jiġifieri li sal-2012 il-piżijiet amministrattivi jitnaqqsu b'25 %; Jidher ċar li l-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-VAT bl-ikbar impatti possibbli diġà ġew adottati mill-Kunsill jew qed jiġu diskussi. Il-miżuri l-oħra jistgħu jnaqqsu xi piżijiet amministrattivi u kummerċjali fl-UE, iżda l-benefiċċji jafu ma jkunux universali għall-UE kollha;

28. Jenfasizza l-importanza li jiżdied l-użu u l-appoġġ tal-użu ta' soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, b'mod partikolari għall-preżentazzjoni elettronika tal-listi u d-denunzji tal-VAT;

29. Jistieden lill-Istati Membri jaqblu fil-livell tal-UE fuq perjodu ta' żmien qasir/medjudwar sett massimu ta' obligazzjonijiet standardizzati tal-VAT li jistgħu jkunu imposti fuq in-negozji mill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex, b'kollaborazzjoni man-negozji, jeżaminaw l-obbligi u l-prattiki amministrattivi tal-VAT u jidentifikaw it-tfixkil kummerċjali ewlieni fis-sistema attwali tal-VAT, u jaqsmu l-ideat u l-approċċi tal-"aħjar prattika" bl-għan li jissimplifikaw din is-sistema, itejbu ċ-ċarezza u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ostakli kummerċjali;

**Il-Ħamis 13 ta' Ottubru 2011**

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' livell limitu għall-eżenzjoni tal-VAT għall-SMEs li jkun l-istess madwar l-Ewropa kollha, bl-għan li jitnaqqsu l-burokrazija żejda u l-ispejjeż, u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq intern;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tifli bir-reqqa l-kwistjoni tat-tnaqqis ulterjuri tal-burokrazija tal-VAT għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ; jenfasizza li għandu jkun hemm livell ogħla ta' flessibilità fis-sistema tal-VAT għall-Istati Membri li jixtiequ jieħdu miżuri ambizzjużi sabiex itaffu l-piż amministrattiv tal-VAT għal dawn l-organizzazzjonijiet;

### *L-effiċjenza tal-ġbir tal-VAT*

32. Jaqbel mal-Kummissjoni li jeħtieġ l-effiċjenza tal-ġbir tal-VAT tiġi mtejba sabiex jitnaqqas id-distakk tal-VAT u tiġi limita l-possibilità ta' frodi, kif ukoll sabiex il-kummerċjanti bona fide jitħarsu mill-frodi tal-VAT; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali fl-Unjoni Ewropea hija prijorità, u jitlob kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust u l-OLAF f'dan il-qasam, u jitlob ukoll kjarifika tat-termini u d-definizzjonijiet, bħal pereżempju "l-pajjiż tal-konsum" u "l-pajjiż tal-istabbiliment";

33. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-prosekuzzjoni transkonfinali tal-frodi intrakomunitarja tal-VAT fl-Istati Membri u biex tiżdied ir-responsabilità u l-għarfien tar-riskju f'dan il-qasam;

34. Sabiex jitwaqqfu investigazzjonijiet transkonfinali effikaċi dwar tali frodi u sabiex titwettaq prosekuzzjoni ġuridika ta' dan, jenfasizza l-importanza li jkun hemm definizzjoni komprensiva u uniformi fil-leġiżlazzjoni tal-UE ta' skema frodulenti tal-VAT jew ta' frodi karusell tal-VAT, l-aktar forma komuni ta' frodi tal-VAT, kif ukoll penali amministrattivi armonizzati;

35. Jinnota li l-istimi preċiżi tad-daqs tal-frodi tal-karusell tal-VAT mhumiex disponibbli; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' għodda tal-valutazzjoni preċiża għall-frodi tal-VAT li tippermetti wkoll li jsir tqabbil relevanti f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri tal-UE;

36. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni aktar intensiva u rapida bejn l-Istati Membri, monitoraġġ aħjar tal-iskambji tal-informazzjoni u aktar kuntatti diretti bejn l-uffiċċji fiskali lokali permezz ta' portal komuni ta' informazzjoni onlajn, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jipprovdu assistenza effiċjenti lil xulxin; iħeġġeġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, il-Eurojust, il-Europol u l-OLAF;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjoni u konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja kontra l-frodi, u tindirizza d-dgħufijiet fil-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-qafas ta' dan il-proċess;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-netwerk EUROFISC, li twaqqaf riċentement (f'Novembru 2010), jiffunzjona bħala valur miżjud prattiku għall-investigazzjonijiet transkonfinali tal-Istati Membri dwar frodi tal-VAT, tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-funzjonament tiegħu, u tippubblika dawn ir-rapporti;

39. Jenfasizza li l-opportunitajiet ta' frodi tal-VAT jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti permezz taż-żieda fl-użu ta' teknoloġiji l-ġodda u soluzzjonijiet innovattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ is-Sistema għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES) billi tnaqqas iż-żmien għall-ġbir u l-ksib tad-data u billi tagħti aċċess dirett iktar wiesa' għad-data;

40. Jikkunsidra, madankollu, li d-diskussjoni dwar il-metodi ta' ġbir tal-VAT hi sekondarja fil-kwistjoni tas-soluzzjoni għan-nuqqasijiet sottostanti u l-problemi inerenti fir-regoli u l-proċeduri attwali, u li f'dan l-istadju għandha tingħata l-ogħla prijorità lin-nuqqas ta' armonizzazzjoni u l-ħtieġa li l-proċeduri jiġu standardizzati u jitnaqqsu l-ostakli lingwistiċi, filwaqt li titnaqqas il-vulnerabilità għall-frodi tas-sistema;

41. Jinnota l-ħtieġa li jkun hemm korp ta' interpretazzjoni Ewropew distint fejn l-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu tweġibiet ta' natura vinkolanti għal metodoloġija fiskali komuni u applikazzjoni ekwa tar-regoli tal-VAT;

42. Ifakkar li filwaqt li l-operaturi internazzjonali ħafna drabi jkollhom il-mezzi biex jaffaċċaw il-problemi li jirriżultaw minn negozju mwettaq fuq bażi globali, l-amministrazzjonijiet fiskali ħafna drabi ma jkollhomx l-istess livell ta' kompetenza; jenfasizza, għalhekk, il-fatt li l-koperazzjoni għandha titfassal b'tali mod li jgħin biex ikunu identifikati l-persuni onesti minn dawk li jwettqu l-frodi, u s-sistema tkun tali li jifhmuha ż-żewġ naħat;

43. Jikkunsidra li l-mudell ta' ħażna limitata ta' dejta dwar il-VAT ("limited Data Warehouse Model" ) – b'Fajl Standard ta' Verifika ("Standard Audit File" ([1])) – flimkien mal-mudell tal-Persuna Ċertifikata Taxxabbli, huma l-aktar promettenti mill-mudelli ta' ġbir tal-VAT li attwalment qed jiġu eżaminati mill-istudju tal-Kummissjoni, peress li diġà ġew implimentati b'suċċess f'uħud mill-Istati Membri u wrew li jżidu l-effiċjenza fil-ġbir tal-VAT;

***Proċess Legali***

44. Jikkunsidra li l-komunità tan-negozju tirrikjedi regoli ċari tal-VAT li jżidu ċ-ċertezza legali u l-probabbiltà ta' interpretazzjoni uniformi mill-Istati Membri; jikkunsidra wkoll li d-Direttivi attwali tal-Kunsill fihom dispożizzjonijiet mhux ċari li jżidu l-possibilità ta' interpretazzjonijiet multipli, filwaqt li s-sistema kumplessa tal-VAT li tirriżulta minnhom ixxekkel l-attivitajiet transkonfinali u twassal għal piżijiet amministrattivi mhux neċessarji; huwa tal-fehma li r-regoli tal-VAT m'għandhomx idgħajfu l-politiki tal-UE f'oqsma oħrajn, bħas-sostenibilità;

45. Jistieden għalhekk lill-Istati Membri jżidu l-livell ta' armonizzazzjoni billi:

— jużaw ir-Regolamenti minflok id-Direttivi, kemm jista' jkun possibbli, peress li joħolqu armonizazzjoni immedjata u ċertezza legali;

— alternattivament, jippermettu lill-Kummissjoni tippubblika "Sett ta' regoli komuni tal-VAT għall-UE" f'forma ta' Deċiżjonijiet Implimentattivi bil-kunsens tal-maġġoranza tal-Istati Membri ([2]), li jbiddel ir-rwol tal-Kumitat tal-VAT;

— iwaqqfu proċess ta' simplifikazzjoni u ta' koordinazzjoni tal-proċess ta' implimentazzjoni nazzjonali fil-livell tal-UE, filwaqt li jingħata rwol aktar b'saħħtu lill-Kummissjoni;

— jinvolvu ġeneralment lill-partijiet interessati u n-negozji fil-proċess ta' abbozzar u implimentazzjoni għal-leġiżlazzjoni tal-VAT kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, u b'mod partikolari jinvolvu esperti esterni fil-ħidma tal-Kumitat tal-VAT fil-livell tal-UE;

46. Iqis li n-negozji jeħtieġu regoli tal-VAT tal-UE, li jkunu ċari u mhux ambigwi, biex jappoġġaw l-attivitajiet transkonfinali u jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi u għaldaqstant l-ispejjeż għan-negozji; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-kwalità u ċ-ċarezza billi:

— jipproduċu valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi u ta' kwalità għolja, bl-involviment tan-negozji tal-UE bħala parti minn dak il-proċess, biex jappoġġaw il-proposti leġiżlattivi;

— iżommu kuntatt man-negozji fil-livell nazzjonali matul in-negozjati u fil-fażijiet tal-implimentazzjoni;

([1]) Kif definit/irrakkomandat mill-linji gwida tal-OECD.
([2]) Kif propost mill-Kummissjoni Ewropea fil-COM(1997)0325 tal-25.6.1997.

**Il-Ħamis 13 ta' Ottubru 2011**

— jagħmlu użu mir-Regolamenti tal-Kunsill biex jappoġġaw id-Direttivi tal-Kunsill f'oqsma fejn dan jipprovdi iktar ċarezza;

— jipprovdu informazzjoni u gwida eċċellenti, f'waqthom u aċċessibbli dwar ir-regoli nazzjonali, inkluż fil-livell tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma fejn m'hemmx trattamenti uniformi;

— ifittxu opportunitajiet biex jużaw it-teknoloġija għat-tixrid tal-informazzjoni mal-UE kollha; jaqsmu l-ideat u l-approċċi tal-"aħjar prattiki" fil-Forum tal-UE jew fil-Kumitat tal-VAT;

— jinvolvu n-negozji, possibilment fir-rwol ta' esperti esterni, b'appoġġ għal aspetti tal-ħidma tal-Kumitat tal-VAT fil-livell tal-UE;

— iżidu, b'mod ġenerali, l-involviment tan-negozji fil-proċess, biex b'hekk jiġi sfruttat l-għarfien espert li jkunu kisbu fil-funzjoni tagħhom bħala "dawk li jiġbru t-taxxa bla ħlas" u mill-esperjenza tagħhom fit-tranżazzjonijiet intrakomunitarji fuq bażi kwotidjana;

*

* *

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## Tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2011)

P7_TA(2011)0442

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar it-tħejjija għal-laqgħa għall-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2011)**

(2013/C 94 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-28 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jemmen li l-Kunsill Ewropew li jmiss huwa ta' importanza kbira u jrid finalment u deċiżivament juri t-triq għall-futur;

2. Jistieden lill-President tal-Kummissjoni biex iressaq pjan komprensiv b' indikazzjoni direzzjonali ċara li tindika fażijiet distinti għall-implimentazzjoni tiegħu;

3. Jinsisti li pjan bħal dan għandu jkun ibbażat totalment fuq il-metodu Komunitarju u jipprevedi l-użu ta' arranġamenti istituzzjonali eżistenti tal-UE;

4. Jenfasizza l-bżonn li pjan bħal dan ikollu skadenzi ċari sabiex jerġa' jġib il-fiduċja u juri t-triq għall-futur;

5. Iqis li pjan bħal dan għandu jinkludi tal-anqas dawn l-elementi:

— pjan tal-UE għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek Ewropej,